

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Id-drittijiet Tal-minorenni Fil-proċeduri Tal-qorti](#) > Romania

# Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti

Il-kontenut ipprovdut minn  
Rumanija



Rumanija

## 1. Il-kapaċità ġuridika tat-tfal

Il-kapaċità ġuridika (*capacitatea de folosință*) hija l-kapaċità tal-persuna li jkollha drittijiet u obbligi ċivili. Il-kapaċità ġuridika tibda meta l-persuna titwieled u tintemm meta tmut.

Kapaċità li taġixxi (*capacitatea de exercițiu*) hija l-ħila tal-persuna li tikkonkludi atti legali ċivili b'mod indipendenti. Kapaċità sħiħa li taġixxi tibda meta l-persuna tagħlaq it-18-il sena.

Il-minorenni jiksbu kapaċità sħiħa li jaġixxu permezz taż-żwieġ ukoll.

Fuq bażijiet raġonevoli, il-qorti tal-kustodja (*instanța de tutelă*) tista' tirrikonoxxi l-kapaċità sħiħa li jaġixxu ta' minorenni li għalqu s-16-il sena. Għal dan l-għan, il-ġenituri jew it-tutori tal-minorenni jinstemgħu wkoll, billi titqies, meta jkun xieraq, l-opinjoni tal-kunsill tal-familja wkoll.

il-minorenni li għalqu l-14-il sena għandhom kapaċità ristretta li jaġixxu.

L-atti legali ta' persuna b'kapaċità ristretta li taġixxi huma konklużi minn dik il-persuna bil-kunsens tal-ġenituri tagħha jew, meta applikabbli, tat-tutor tagħha, u, fil-każijiet previsti mil-liġi, bl-opinjoni tal-kunsill tal-familja wkoll, jekk ikun hemm, u bl-awtorizzazzjoni tal-qorti tal-kustodja.

Il-persuni fiżiċi li ma għandhomx il-kapaċità li jaġixxu (il-minorenni taħt l-14-il sena, il-persuni soġġetti għal miżuri speċjali ta' tutela) jiġu rrappreżentati minn rappreżentant legali.

F'materji kriminali, il-minorenni taħt l-14-il sena ma jinżammux kriminalment responsabbli. il-minorenni bejn l-14 u s-16-il sena jkunu kriminalment responsabbli biss jekk tingħata prova li wettqu l-att xjentament, filwaqt li minorenni li għalqu s-16-il sena huma kriminalment responsabbli f'konformità mal-liġi.

Miżura edukattiva mhux ta' kustodja tittieħed fir-rigward ta' minorenni li kellhom bejn l-14 u t-18-il sena meta twettaq ir-reat. Miżura edukattiva ta' kustodja tista' tittieħed fir-rigward ta' minorenni ta' bejn l-14 u t-18-il sena fil-każijiet li ġejjin:

1. jekk wettqu reat ieħor li fir-rigward tiegħu ġiet applikata u eżegwita miżura edukattiva, jew l-eżekuzzjoni tagħha bdiet qabel ma twettaq ir-reat li bih qed jiġu mixlija;
2. meta l-piena definita mil-liġi għar-reat imwettaq tkun ta' 7 snin priġunerija jew aktar jew inkella għomor il-ħabs.

## 2. Aċċess għal proċeduri xierqa; Mekkaniżmi u proċeduri ta' appoġġ speċifiċi għat-tfal

Il-Qorti tal-Minorenni u tal-Familja ta' Brașov (*Tribunalul pentru Minori și Familie Brașov*) hija l-unika qorti speċjalizzata ta' dan it-tip fir-Rumanija.

Il-qorti speċjalizzata għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' kemm kawżi kriminali (li fihom tal-anqas wieħed mill-imputati jew waħda mill-partijiet leżi/partijiet ċivili tkun minorenni) kif ukoll kawżi ċivili (tilwimiet dwar tqegħid u adożzjoni).

F'termini ta' ġurisdizzjoni *ratione loci*, il-Qorti tal-Minorenni u tal-Familja ta' Braşov għandha ġurisdizzjoni fil-Kontea ta' Braşov, filwaqt li kawżi oħrajn li jinvolvu minorenni li jinstemgħu mill-qrati ordinarji.

Fil-każ ta' vittmi tfal, il-valutazzjoni u l-provvista ta' servizzi ta' appoġġ u ta' protezzjoni huma r-responsabbiltà tad-dipartimenti speċjalizzati fi ħdan id-Direttorati Ġenerali għall-Assistenza Soċjali u għall-Protezzjoni tat-Tfal (Direcțiile Generale de Asistență Socială și Protecție a Copilului) responsabbli għal intervent f'każijiet ta' abbuż, ta' traskuraġni, ta' traffikar, ta' migrazzjoni u ta' ripatrijazzjoni skont il-Liġi Nru 272/2004 dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal u d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 49/2011 li tapprova l-Metodoloġija Qafas dwar il-prevenzjoni u l-intervent f'timijiet u f'networks multidixxiplinari f'każijiet ta' vjolenza fuq it-tfal u domestika u l-Metodoloġija dwar intervent multidixxiplinari u interistituzzjonali f'każijiet li jinvolvu tfal sfruttati u tfal f'riskju ta' sfruttament ta' ħaddiema, vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin, u tfal migranti Rumeni li jisfaw vittmi ta' forom oħrajn ta' vjolenza fi Stati oħrajn.

Grupp ta' ħidma ddedikat għal kwistjonijiet li jikkonċernaw il-vittmi twaqqaf fl-2020 fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja (*Ministerul Justiției*). Fost l-aktar objettivi importanti mfittxijin mill-grupp ta' ħidma hemm dawn li ġejjin: l-istabbiliment ta' kmamar speċjali għas-smiġħ tal-minorenni, taħriġ speċjalizzat tal-professjonisti f'kif jiġu ttrattati tipi differenti ta' reati u ta' vittmi, il-ħolqien ta' network informali ta' professjonisti responsabbli għat-trattament ta' vittmi ta' reati sesswali, u t-titjib tas-servizzi forensiċi għall-vittmi ta' reati.

Save the Children Romania (Salvați Copiii România), fi sħubija mas-Settur 6 tad-Direttorat Ġenerali għall-Assistenza Soċjali u għall-Protezzjoni tat-Tfal (Direcția Generală de Asistență Socială și Protecția Copilului Sector 6) f'Bucharest, fetħet l-ewwel ċentru pilota ta' Barnahus għat-tfal li jkunu vittmi ta' abbuż sesswali u ta' vjolenza domestika estrema. Iċ-Ċentru huwa bbażat fuq il-mudell integrat Barnahus ta' servizzi kumplessi, ta' valutazzjoni psikoloġika u medika, ta' smiġħ u ta' protezzjoni tat-tfal vittmi ta' abbuż sesswali u ta' vjolenza domestika estrema.

Kmieni fl-2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur assenjat għall-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja (*Înalta Curte de Casație și Justiție*), fi sħubija mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), mal-Ministeru għall-Ġustizzja u mad-Direttorat Ġenerali għall-Assistenza Soċjali u għall-Protezzjoni tat-Tfal, beda jimplimenta proġett bl-objettiv ġenerali li jiżgura sistema tal-ġustizzja kriminali effiċjenti, aċċessibbli u kwalitattiva għal tfal li huma vittmi ta' reat u vittmi ta' reati ta' mibegħda. Il-ħidma tal-proġett tinvolvi r-rinnovament, l-organizzazzjoni u l-attrezzar ta' 35 kamra għas-smiġħ ta' minorenni, l-iżvilupp ta' żewġ analiżijiet tematiċi dwar is-sitwazzjoni fir-rigward ta' reati ta' mibegħda fir-rigward tat-tfal bħala vittmi ta' reat, l-iżvilupp ta' gwidi (l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' mibegħda/is-smiġħ ta' vittmi minorenni u l-prosekuzzjoni ta' reati kontrihom), u l-għoti ta' taħriġ speċjalizzat għall-prosekuturi u għal kategoriji professjonali oħrajn sabiex jittejbu l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtiġijiet tal-vittmi ta' reati ta' mibegħda u tat-tfal vittmi ta' reati, inklużi dawk li jappartjenu għall-minoranza Rom.

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-proġett predefinit ta' taħriġ u ta' bini tal-kapaċitajiet ġudizzjarji professjonali, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (*Consiliul Superior al Magistraturii*) bħalissa jipprovdi 47 kamra għal seduti għal minorenni fi qrati madwar il-pajjiż, f'konformità mal-istandards internazzjonali għas-smiġħ ta' minorenni.

Fl-istess ħin, il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (*Codul de procedură penală*) jipprevedi li, sabiex tiġi protetta l-privatezza jew id-dinjità tal-parti leża, jew meta r-rilaxx jew il-ħarba tat-trażgressur tista' tipperikola l-privatezza jew id-dinjità tal-parti leża jew tikkawżalha ħsara, irrispettivament min-natura u mill-firxa tagħha, il-korp tal-prosekuzzjoni kriminali jista' jordna l-miżuri protettivi previsti mil-liġi kontra l-parti leża. Tfal, vittmi li huma dipendenti fuq it-trażgressur, vittmi ta' terroriżmu, ta' kriminalità organizzata, ta' traffikar tal-bnedmin, ta' vjolenza li seħħet fi ħdan relazzjoni mill-qrib, ta' vjolenza u ta' sfruttament sesswali, vittmi ta' reati ta' mibegħda, ta' diskriminazzjoni u ta' preġudizzju li jistgħu jkunu relatati b'mod partikolari mal-karatteristiċi personali tagħhom, persuni b'diżabilità u vittmi li ġarrbu ħsara konsiderevoli minħabba s-serjetà tar-reat, huma preżunti vulnerabbli.

Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali fih ukoll dispożizzjonijiet dwar is-smiġħ ta' minorenni.

Għalhekk, il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprevedi li s-smiġħ tal-partijiet leżi u tax-xhieda li jkunu minorenni

taħt l-14-il sena jseħħ fil-preżenza ta' wieħed mill-ġenituri, ta' tutor jew tal-persuna jew tar-rappreżentant tal-istituzzjoni inkarigata bit-trobbija u bl-edukazzjoni tat-tfal, u fil-preżenza ta' psikologu magħżul mill-korp ġudizzjarju. Il-psikologu jipprovdi pariri ta' espert lill-minorenni matul il-proċedimenti ġudizzjarji.

Fil-każ ta' partijiet leżi li għalihom ġew stabbiliti ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi skont il-liġi, il-korp ġudizzjarju jordna miżura waħda jew aktar minn fost dawn li ġejjin mingħajr preġudizzju għat-tmexxija xierqa tal-proċedimenti jew għad-drittijiet u għall-interessi tal-partijiet:

1. is-smiġħ tagħhom f'binja iddisinnjata jew adattata għal dan l-għan;
2. is-smiġħ tagħhom permezz jew fil-preżenza ta' psikologu jew ta' speċjalist ieħor fil-konsulenza għall-vittmi;
3. is-smiġħ tagħhom u kwalunkwe smiġħ mill-ġdid possibbli mwettaq mill-istess persuna, jekk possibbli u jekk il-korp ġudizzjarju jqis li dan ma jaffettwax it-tmexxija xierqa tal-proċedimenti jew id-drittijiet u l-interessi tal-partijiet.
4. is-smiġħ tagħhom b'vidjokonferenza jew b'mezzi ta' komunikazzjoni tekniċi oħrajn fil-post fejn jibbenefikaw mill-miżura ta' protezzjoni ta' akkomodazzjoni temporanja.

Is-smiġħ u, meta xieraq, is-smiġħ mill-ġdid mill-korpi ta' investigazzjoni kriminali ta' partijiet leżi li sfaw vittma ta' reati ta' trattament ħażin ta' minorenni, ta' vjolenza domestika, ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar u l-isfruttament ta' persuni vulnerabbli, ta' reati kontra l-libertà u l-integrità sesswali, eċċ., kif ukoll f'każijiet oħrajn li fihom, minħabba ċ-ċirkustanzi tar-reat, dan jitqies neċessarju, jitwettqu biss minn persuna tal-istess sess bħall-persuna leża. Jekk dan ma jkunx possibbli, mingħajr preġudizzju għat-twettiq kif xieraq tal-proċedimenti jew għad-drittijiet u għall-interessi tal-partijiet, is-smiġħ ta' partijiet leżi bħal dawn u, meta xieraq, is-smiġħ mill-ġdid tagħhom jistgħu jsiru minn persuna li ma tkunx tal-istess sess bħall-parti leża, bil-kunsens tal-avukat u ta' psikologu jew ta' speċjalist ieħor fil-konsulenza tal-vittmi.

Skont il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, każijiet li jinvolvu partijiet leżi li jkunu minorenni, vittmi ta' reati ta' trattament ħażin ta' minorenni, ta' vjolenza domestika, ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar u l-isfruttament ta' persuni vulnerabbli, ta' reati kontra l-libertà u l-integrità sesswali, eċċ., huma ttrattati bħala kwistjoni ta' urġenza u bħala prijorità. Meta l-parti leża tkun minorenni taħt is-16-il sena, li tkun vittma ta' reati ta' trattament ħażin ta' minorenni, ta' vjolenza domestika, ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar u l-isfruttament ta' persuni vulnerabbli, ta' reati kontra l-libertà u l-integrità sesswali, eċċ., jekk il-qorti tqis li s-smiġħ ta' ċerti provi jista' jkollu effett negattiv fuqhom, hija tordna li l-minorenni jitneħħew mis-seduta.

Fl-istess ħin, il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprevedi li l-arrest u l-arrest preventiv jistgħu jiġu ordnati kontra minorenni, permezz ta' eċċezzjoni, biss jekk l-effetti taċ-ċaħda tal-libertà fuq il-personalità u l-iżvilupp tagħhom ma jkunux sproporzjonati għall-għan tal-miżura.

Id-durata tal-miżura ta' arrest preventiv hija ddeterminata b'kunsiderazzjoni tal-età tal-persuna akkużata fil-jum li jiġi ordnat li tittieħed, tiġi estiża jew tinżamm il-miżura.

Il-Kodiċi Ċivili (*Codul civil*) jipprovdi li matul proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji li jikkonċernaw tifel jew tifla, huwa obbligatorju li tifel jew tifla li tkun għalqet l-10 snin tinstema'. Madankollu, tfal taħt l-10 snin jistgħu jinstemgħu wkoll, jekk l-awtorità kompetenti tqis li dan ikun neċessarju sabiex taġġudika dwar il-każ. Id-dritt li jinstemgħu jinvolvi l-possibbiltà li t-tfal jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni, skont l-età tagħhom, sabiex jesprimu l-opinjoni tagħhom u jiġu informati dwar il-konsegwenzi li dan jista' kjollu, jekk jiġi rrispettat, u dwar il-konsegwenzi ta' kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċernahom. L-opinjoni jiet tat-tfal li jinstemgħu jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-età u tal-maturità tagħhom.

### 3. Taħriġ tal-professionisti

Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, bħala promotur tal-proġetti, fi sħubija mal-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura (*Institutul Național al Magistraturii*), mal-Iskola Nazzjonali tal-Iskrivani u mal-Amministrazzjoni tal-Qrati Norveġiża, jimplementa l-proġett predefinit "Taħriġ u Bini tal-Kapaċitajiet Ġudizzjarji", ifffinanzjat mill-Programm "Ġustizzja", il-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż (NFM) 2014-2021.

Bħala parti minn dan il-proġett, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u l-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura ħabbru t-tnedija tal-proċedura sabiex jintgħażel espert bl-għan li jiġi żvilupp kurrikulu ta' taħriġ fit-tul fil-qasam ta' *Tekniki għas-smiġħ ta' minorenni (ġustizzja adattata għat-tfal) - aspetti ċivili*. L-espert jintgħażel minn fost l-

esperti magħżulin bħala persunal tat-taħriġ għall-attivitajiet ta' taħriġ iddedikati għall-qasam ta' *Tekniki għas-smiġħ ta' minorenni*, li huma organizzati fi hndan il-proġett, b'enfasi partikolari fuq l-ispeċifiċitajiet tal-popolazzjoni Rom.

Ir-riżultat se jkun għodda utli għall-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura għat-taħriġ kontinwu fit-tul tal-imħallfin u tal-prosekuturi f'tekniki għas-smiġħ ta' minorenni, fi proċeduri ġudizzjarji kemm ċivili kif ukoll kriminali, u se jibni l-pedament għal approċċ konsistenti mill-perspettiva tal-prattika nazzjonali u Ewropea.

Il-programm ta' taħriġ fit-tul (kurrikulu) għat-tekniki għas-smiġħ ta' minorenni (ġustizzja adattata għat-tfal) se jiġi żviluppat sabiex jipprovdi appoġġ Prattiku għall-persunal tat-taħriġ tal-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura, jiġifieri sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għas-smiġħ ta' minorenni, sabiex tiġi promossa ġustizzja adattata għat-tfal bħala tħassib prevalenti tas-sistema ġudizzjarja Rumena, billi jiġu assimilati t-tekniki għall-intervisti mat-tfal.

## 4. Aċċess għar-rimedji

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċjali applikabbli għall-minorenni.

F'materji ċivili, partijiet għall-proċedimenti li jiġġustifikaw interess, kif ukoll f'każijiet previsti mil-liġi, korpi oħrajn jew persuni mhux sodisfatti bis-sentenza, jistgħu jappellaw kontra. Il-prosekutur jista' jfittex rimedju kontra sentenzi tal-qorti, kull meta jkun neċessarju, sabiex jiddefendi d-drittijiet, il-libertajiet u l-interessi leġittimi ta' minorenni, ta' persuni li jirċievu pariri legali jew soġġetti għal miżuri ta' tutela speċjali, u ta' persuni neqsin, kif ukoll f'każijiet oħrajn espliċitament previsti mil-liġi.

Fi proċedimenti kriminali, l-għajnuna legali hija obligatorja meta l-persuna suspettata jew akkużata tkun minorenni. L-għajnuna legali għall-parti leża hija obligatorja meta ma jkollha l-ebda kapaċità sabiex taġixxi jew kapaċità ristretta sabiex taġixxi, kif ukoll meta l-parti leża tkun il-vittma tar-reati ta' trattament ħażin ta' minorenni, ta' vjolenza domestika, ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar u l-isfruttament ta' persuni vulnerabbli, ta' reati kontra l-libertà u l-integrità sesswali, eċċ.

## 5. Adozzjoni

L-adozzjoni hija l-operazzjoni legali li toħloq filjazzjoni bejn min jadotta u t-tfal adottati, kif ukoll rabtiet familjari bejn it-tfal adottati u l-qraba ta' min jadotta.

L-adozzjoni hija soġġetta għall-prinċipji kollha li ġejjin: l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħtieġa li jiġu żgurati trobbija u edukazzjoni tat-tfal f'ambjent tal-familja, il-kontinwità tat-trobbija u tal-edukazzjoni tat-tfal, it-teħid f'kunsiderazzjoni tal-orijini etnika, lingwistika, reliġjuża u kulturali tagħhom, u r-rapidità tat-twettiq ta' kwalunkwe att relatat mal-proċedura ta' adozzjoni.

Il-proċedura ta' adozzjoni hija rregolata mill-Kodiċi Ċivili (l-Artikoli 451 sa 482).

---

L-aħħar aġġornament: 22/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.